AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

Linji gwida dwar l-użu bħala għalf ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem

(2018/C 133/02)

KAPITOLU 1

INTRODUZZJONI

1.1. Sfond, Objettiv u Kamp ta' Applikazzjoni

Bħala parti integrali mill-Komunikazzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari ([1]), il-Kummissjoni waqqfet pjan ta' azzjoni biex titnaqqas il-ħela tal-ikel. Minħajr ma tikkompeti mas-sorsi tal-banek tal-ikel ([2]), waħda mill-inizjattivi hija li jiġu vvalorizzati n-nutrijenti tal-ikel ([3]) li, għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew ċerti difetti, ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem, permezz tal-użu sigur tiegħu fin-nutrizzjoni tal-annimali, minħajr ma tiġi kompromessa s-saħħa pubblika u dik tal-annimali. Għalhekk, l-użu ta' dan l-ikel bħala għalf jevita li dawn il-materjali jiġu kompostati, trasformati f'bijogass jew jintremew permezz ta' inċinerazzjoni jew rimi f'miżbla. Id-distinzjoni bejn ikel, prodotti sekondarji mill-annimali, għalf u skart għandha implikazzjonijiet evidenti fir-rigward tal-qafas leġiżlattiv li jirregola t-tipi differenti ta' prodotti kkonċernati.

Fir-raba' kwart tal-2016 saret konsultazzjoni mal-partijiet interessati fil-marġini tal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel ([4]) sabiex jiġu identifikati l-kwistjonijiet fir-rigward ta' din l-inizjattiva. L-operaturi ddikjaraw is-segwenti pożijiet sinifikanti jew sproporzjonati li jistgħu jfixkluhom jew saħansitra jwaqqfuhom milli jfornu ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem biex jintuża bħala għalf:

— Kwistjonijiet li jaffettwaw il-kapaċità li tiġi żgurata l-konformità ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem li jkun ser jintuża bħala għalf mal-leġiżlazzjoni dwar l-għalf, jiġifieri r-rekwiżiti li jittrattaw is-sigurtà tal-għalf: l-applikazzjoni ta' proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP), tikkettar speċifiku, ħżin segregat u t-trasport tal-ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem;

— Ir-reġistrazzjoni doppja ta' stabbiliment bħala negozju tal-ikel u dak tal-għalf li twassal għal awditjar addizzjonali tal-istabbilimenti tagħhom minn diversi awtoritajiet differenti ta' kontroll (ikel, prodotti sekondarji mill-annimali, għalf, skart);

— Obbligu, f'diversi Stati Membri, li jipparteċipaw fi skemi ta' ċertifikazzjoni privati għal Prassi Tajba ta' Manifattura sabiex ifornu l-għalf lill-industrija tal-għalf, minkejja li dawn l-iskemi huma de jure volontarji;

— Nuqqas ta' armonizzazzjoni tar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni ta' operaturi ta' negozji tal-ikel fl-Istati Membri; uħud jeħtieġu r-reġistrazzjoni bħala operatur ta' negozju tal-għalf biss jekk l-ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem li ma jkunx joriġina mill-annimali jitwassal direttament lill-bdiewa bħala għalf filwaqt li oħrajn jeħtieġu r-reġistrazzjoni ta' kull operatur ta' negozju tal-ikel li jforni ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem biex jintuża bħala għalf bħala operatur ta' negozju tal-għalf.

Dawn il-linji gwida huma maħsuba biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet fi ħdan il-qafas legali eżistenti. Għalhekk ma joħolqux dispożizzjonijiet legali ġodda, u lanqas ma jfittxu li jkopru d-dispożizzjonijiet kollha f'dan il-qasam b'mod eżawrjenti. Għandu jiġi nnotat ukoll li huma minħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

([1]) L-għeluq taċ-ċirku — Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari, COM(2015) 614 final, 2.12.2015.

([2]) Għal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Donazzjoni tal-Ikel, ara http://ec.europa.eu/food/safety/food_waste/library/index_en.htm

([3]) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), 'ikel' u 'oġġetti tal-ikel' huma interkambjabbli.

([4]) https://ec.europa.eu/food/safety/food_waste/eu_actions/eu-platform_en

L-objettiv ta' dawn il-linji gwida huwa li jiġi ffaċilitat l-użu bħala għalf ta' ċertu ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem, bi u mingħajr prodotti li joriġinaw mill-annimali. Il-linji gwida għandhom jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u dawk lokali u lill-operaturi fil-katina alimentari fl-applikazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni. Dan l-objettiv għandu jintlaħaq permezz ta':

— spjegazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli skont il-klassifikazzjoni ta' prodott partikolari;

— titjib fiċ-ċarezza legali; kif ukoll

— preżentazzjoni ta' eżempji tal-aħjar prattiki li huma konformi mal-qafas regolatorju attwali tal-Unjoni filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida jkopri:

— prodotti mill-proċess tal-manifattura tal-ikel (fornuti minn produtturi tal-ikel); kif ukoll,

— ikel li jkun tqiegħed fis-suq, ippakkjat jew bl-ingrossa (fornut minn bejjiegħa tal-ikel bl-ingrossa u bl-imnut).

Dawn il-linji gwida ma jindirizzawx l-użu fl-għalf ta':

— addittiv tal-ikel, enzimi tal-ikel u aromatizzanti tal-ikel kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

— supplimenti tal-ikel kif imsemmi fid-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]); kif ukoll

— skart mill-catering ([3]).

1.2. **Definizzjonijiet legali**

Ir-regoli ġenerali għall-introduzzjoni ta' ikel fil-katina tal-għalf huma stabbiliti fir-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 ([4]), (KE) Nru 183/2005 ([5]), (KE) Nru 767/2009 ([6]) u r-regoli għal prodotti sekondarji mill-annimali li mhumiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament dwar prodotti sekondarji mill-annimali").

Għall-finijiet ta' dan l-Avviż, 'ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem' tfisser ikel li jkun ġie manifatturat għall-konsum mill-bniedem f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni dwar l-ikel iżda li ma għadux maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Ikel huwa definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 bħala 'kull sustanza jew prodott, sew jekk ipproċessat, parzjalment ipproċessat jew mhux ipproċessat, maħsub li jkun, jew raġonevolment mistenni li jittiekel mill-bniedem'.

Negozju tal-ikel huwa definit fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, bħala 'kull intrapriża, sew għall-profitt sew jekk le u sew pubblika kemm privata, li twettaq xi waħda mill-attivitajiet relatati ma' xi stadju ta' produzzjoni, ipproċessar jew tqassim tal-ikel'.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183 12.7.2002, p. 51).

([3]) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1), 'skart mill-catering' tfisser l-iskart kollu tal-ikel, inklużi żejt tat-tisjir użat li joriġina minn ristoranti, faċilitajiet u kċejjen tal-catering, inklużi kċejjen ċentrali u kċejjen domestiċi.

([4]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf (ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1.).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE (ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1).

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

Operatur ta' negozju tal-ikel huwa definit fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, bħala 'persuni naturali jew legali responsabbli li jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel jiġu mħarsa fin-negozju tal-ikel taħt il-kontroll tagħhom'.

Għalf huwa definit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, bħala 'kull sustanza jew prodott, inklużi addittivi, sew jekk ipproċessati, parzjalment ipproċessati jew mhux ipproċessati maħsuba biex jintużaw għat-tmiegħ mill-ħalq lill-annimali'.

Negozju tal-għalf huwa definit fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 bħala 'kull intrapriża sew bi profitt sew jekk le u kemm pubblika jew privata, li twettaq xi operazzjoni ta' produzzjoni, manifattura, ipproċessar, ħażna, trasport jew tqassim tal-għalf inkluż kull produttur li jipproduċi, jipproċessa jew jaħżen għalf għat-tmiegħ lill-annimali fir-razzett tiegħu'.

Operatur ta' negozju tal-ikel huwa definit fl-Artikolu 3(6) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, bħala 'persuni naturali jew legali responsabbli li jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel jiġu mħarsa fin-negozju tal-ikel taħt il-kontroll tagħhom'.

Stabbiliment huwa definit fl-Artikolu 3(d) tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 bħala 'kull unità ta' negozju tal-għalf' u mill-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parrlament Ewropew u l-Kunsill ([1]) bħala 'kwalunkwe unità tan-negozju tal-ikel'.

Stabbiliment (jew impjant) huwa definit fl-Artikolu 3(13) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali bħala 'kwalunkwe post fejn titwettaq operazzjoni li tinvolvi l-immaniġġar tal-prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati għajr il-bastimenti tas-sajd'.

Bejgħ bl-imnut huwa definit fl-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 bħala 'l-immaniġġjar u/jew l-ipproċessar ta' ikel u l-ħażna tiegħu fil-punt tal-bejgħ jew twassil lill-konsumatur finali, u tinkludi stazzjonijiet ta' distribuzzjoni, operazzjonijiet ta' catering, canteens ta' fabbriki, catering istituzzjonali, u operazzjonijiet simili ta' servizzi tal-ikel, ħwienet, ċentri ta' tqassim ta' supermarkits u ħwienet li jbiegħu bl-ingrossa'.

Tqegħid fis-suq huwa definit:

(a) fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 bħala 'iż-żamma ta' ikel jew għalf għall-għanijiet ta' bejgħ, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew xi forma oħra ta' trasferiment, sew jekk bi ħlas sew jekk le, u l-bejgħ, tqassim u xi forma oħra tat-trasferiment innifsu'; u

(b) fl-Artikolu 3(14) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali bħala 'kull operazzjoni li l-għan tagħha huwa li jinbiegħu prodotti mill-annimali jew prodotti derivati lil parti terza fil-Komunità jew kull forma oħra ta' forniment bi ħlas jew mingħajru lil tali parti terza jew ħażna bil-ħsieb li tiġi fornuta din il-parti terza'.

Prodotti sekondarji mill-annimali huma definiti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali bħala 'iġsma jew partijiet ta' annimali, jew prodotti li ġejjin mill-annimali, li mhumiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi ooċiti, embrijuni u semen'.

Prodotti derivati huma definiti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali bħala 'prodotti miksuba minn trattament, trasformazzjoni jew grad ta' ipproċessar wieħed jew aktar ta' prodotti sekondarji mill-annimali'.

'Oġġetti li qabel kienu oġġetti tal-ikel' huwa definit fil-punt 3 tal-Parti A tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2013 ([2]) bħala 'ikel, minbarra rifluss tal-ikkejterjar (skart mill-catering), li kien manifatturat għall-konsum mill-bniedem b'konformità sħiħa mal-liġi Ewropea dwar l-ikel iżda li m'għadux maħsub għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet prattiċi jew loġistiċi jew minħabba problemi ta' difetti fil-manifattura jew l-ippakkeġġjar jew difetti oħra u li ma jippreżenta l-ebda riskji għas-saħħa meta użat bħala għalf'.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal- tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2013 tas-16 ta' Jannar 2013 dwar il-Katalgu tal-materjali tal-għalf (ĠU L 29, 30.1.2013, p. 1).

'Materjali tal-għalf' huma definiti fl-Artikolu 3(2 g) tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 bħala 'prodotti li joriġinaw mill-ħxejjex jew l-annimali, li l-għan prinċipali tagħhom huwa li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' nutrizzjoni tal-annimali, fl-istat naturali tagħhom, friski jew ippriżervati, u prodotti li ġejjin mill-ipproċessar industrijali tiegħu, u sustanzi organiċi u inorganiċi, kemm jekk fihom addittivi tal-għalf u kemm jekk le, li huma maħsuba għall-użu bħala għalf mitmugħ lill-annimali mill-ħalq jew direttament bħala tali jew wara l-ipproċessar, jew fil-preparazzjoni tal-għalf kompost, jew bħala ġarriera ta' taħlitiet imħejjija minn qabel'.

Skart huwa stabbilit fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] (Direttiva Qafas dwar l-Iskart) bħala 'kwalunkwe sustanza jew oġġett li d-detentur jarmi jew bi ħsiebu jew huwa meħtieġ li jarmi'. Kjarifiki fir-rigward tat-terminu ewlieni 'rimi':

— Rimi jinkludi kemm l-irkupru kif ukoll ir-rimi ta' skart. Madankollu, dan ma jfissirx li kwalunkwe sustanza li tiġi sottoposta għal operazzjoni ta' rkupru/rimi fiha nnifisha hija skart;

— Ir-rimi jista' jinvolvi kwalunkwe sustanza b'valur kummerċjali pożittiv, newtrali jew negattiv;

— Ir-rimi jista' jkun legalment meħtieġ, jiġi deċiż b'mod intenzjonat mid-detentur jew mhux intenzjonat;

— Il-post tal-ħżin ta' materjal ma jippredeterminax il-klassifikazzjoni tiegħu bħala skart.

'Irkupru' huwa definit fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart bħala kwalunkwe operazzjoni li r-riżultat prinċipali tagħha jkun skart li jservi skop utli permezz tas-sostituzzjoni ta' materjali oħra li inkella kienu jintużaw biex jissodisfaw funzjoni partikolari, jew skart li qed jiġi ppreparat b'mod li jissodisfa dik il-funzjoni, fl-impjant jew fl-ekonomija usa'.

1.3. **Klassifikazzjoni ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem**

Oġġetti tal-ikel li ma jkunux għadhom maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(a) prodotti li ma jkunux magħmula minn, li ma jkunx fihom jew li ma jkunux kontaminati bi prodotti li joriġinaw mill-annimali; dawk il-prodotti li ma joriġinawx mill-annimali jistgħu:

(i) isiru direttament għalf fis-sens u fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, jekk ikunu prodotti sekondarji li jirriżultaw mill-proċess tal-manifattura tal-ikel; jew

(ii) isiru skart fis-sens u fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (qabel ma jsiru għalf), jekk ikunu prodotti finali;

(b) prodotti li jkunu magħmula minn, li jkun fihom jew li jkunu kontaminati bi prodotti li joriġinaw mill-annimali; dawk il-prodotti li joriġinaw mill-annimali jsiru prodotti sekondarji mill-annimali fis-sens u fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali (qabel ma jsiru għalf).

L-irtirar ta' prodott mill-katina alimentari u l-iżgurar li ma jibqax destinat għall-konsum mill-bniedem jista' jew ikun meħtieġ bil-liġi (eż. ikel li jmur malajr li ma għandux jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni wara d-data "uża sa" tiegħu, minħabba li ma jkunx tajjeb għall-konsum mill-bniedem), jew tkun id-deċiżjoni tal-operatur tan-negozju tal-ikel responsabbli. Deċiżjoni li tittieħed dwar it-tneħħija ta' prodott mill-katina alimentari maħsub għall-konsum mill-bniedem hija irriversibbli.

Jekk l-ikel ikun magħmul minn prodotti li joriġinaw mill-annimali, ikun fih minnhom jew ikun kontaminat bihom, ikun direttament soġġett għar-regoli stabbiliti fir-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali. Għalhekk, ikel li joriġina mill-annimali li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem l-ewwel isir prodott sekondarju mill-annimali u, soġġett għar-regoli stabbiliti fir-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali u fir-Regolament dwar l-enċefalopatiji spongiformi trażmissibbli (ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill [2]) "jista" jsir għalf; dan huwa indirizzat fil-Kapitolu 4 ta' dan l-Avviż.


[1] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija spongiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

Jekk it-tikkettar ta' lott partikolari ta' prodott jiddikjara li mhuwiex maħsub għall-użu bħala għalf, operatur ma jistax sussegwentement ibiddel din id-dikjarazzjoni fi stadju aktar tard tal-katina. Dawn il-prodotti ma jistgħux jidħlu fil-katina tal-għalf aktar 'il quddiem (Anness II tar-Regolament (KE) Nru 183/2005).

Figura

Grafika tal-istadji minn ikel għal għalf



KAPITOLU 2

REGOLI ĠENERALI

L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' għalf jew it-tmigħ ta' annimali għall-konsum b'għalf li mhuwiex sigur. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 jestendi dak il-prinċipju għall-annimali kollha.

Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom ir-responsabbiltà primarja sabiex f'kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tat-tqassim fin-negozji taħt il-kontroll tagħhom jiżguraw li l-għalf jissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel li huma rilevanti għall-attivitajiet tagħhom u li jivverifikaw li dawk ir-rekwiżiti jitħarsu.

Id-determinazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkostanzi li jistgħu jirrendu operatur soġġett għal penali kriminali u/jew responsabbiltà ċivili hija kwistjoni kumplessa li tiddependi fuq l-istruttura tad-diversi sistemi legali nazzjonali. Informazzjoni ulterjuri li titratta t-tifsira u l-impatt tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 fir-rigward tal-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet fil-katina agroalimentari tinsab fil-gwida dwar l-implimentazzjoni tal-Liġi Ġenerali tal-Ikel ([1]).

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, l-operaturi ta' negozji tal-ikel u tal-għalf għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw kull persuna li tkun ipprovditilhom ikel, għalf, annimal għall-konsum, jew xi sustanza oħra maħsuba li tkun, jew mistennija li tkun, inkorporata f'ikel jew f'għalf. Dan il-prinċipju ta' traċċabilità jiżgura l-integrità tal-katina alimentari sħiħa.

([1]) Gwida dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 11, 12, 14, 17, 18, 19 u 20 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 dwar il-Liġi Ġenerali tal-Ikel (https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/gfl_req_implementation-guidance_mt.pdf, p. 12).

KAPITOLU 3

IKEL LI MA JKUNX FIH PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI LI MA JKUNX GĦADU MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM

3.1. Ikel magħmul minn prodotti li joriġinaw mill-annimali, ikun fih minnhom jew ikun kontaminat bihom u l-leġiżlazzjoni dwar l-Iskart

Jekk il-prodotti mill-manifattura tal-ikel u l-ikel ma jkunux magħmula minn prodotti li joriġinaw mill-annimali, ma jkunx fihom minnhom u lanqas ma jkunu kontaminati bihom, u jekk ma jkunux aktar maħsuba għall-konsum mill-bniedem, jiġifieri ikel skartat, jistgħu jsiru skart jew jintużaw bħala għalf. Għandha ssir distinzjoni bejn erba' każijiet, kif stabbilit fil-punti (a) u (b) li ġejjin:

(a) Prodotti li jirriżultaw mill-proċess tal-manifattura tal-ikel, minbarra prodotti finali:

Diversi setturi tal-industrija tal-ikel jiġġeneraw prodotti sekondarji fil-proċess tal-produzzjoni tagħhom li jistgħu jintużaw bħala għalf, eż.

It-tfarrik taż-żerriegħa tal-ġirasol jiġġenera espellent taż-żerriegħa tal-ġirasol,

It-tħin tad-dqiq jiġġenera r-raħs tal-qamħ,

Il-produzzjoni taz-zokkor tiġġenera melassa tal-pitravi taz-zokkor,

Il-produzzjoni tal-lamtu tiġġenera pasta idrolisata tal-lamtu,

Il-produzzjoni ta' prodotti mill-industrija tal-fran u tal-għaġin li ma jkunx fihom prodotti mill-annimali tiġġenera prodotti sekondarji mill-industrija tal-ħami fi fran u tal-għaġin.

Dawk il-prodotti sekondarji mill-industrija tal-ikel ma jkollhomx data "uża sa" jew "uża qabel" kif imsemmi fit-Taqsima 5.1 iżda japplika l-approċċ li jittratta "materjal li jkun waqa' mal-art fi stabbilimenti tal-ikel" kif imsemmi fit-Taqsima 5.2. Il-prodotti sekondarji ma jitqisux bħala skart jekk jissodisfaw il-kriterji kumulattivi stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart ([1]). L-oneru tal-prova tas-sodisfar tal-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' prodott speċifiku bħala mhux skart quddiem l-awtorità kompetenti, huwa fuq l-operatur tan-negozju tal-ikel rispettiv.

Xi awtoritajiet nazzjonali tal-iskart jeħtieġu ċertifikat speċifiku mingħand l-industrija tal-ikel li jinkludi ġustifikazzjoni dettaljata li prodott speċifiku li jfornu għall-użu bħala għalf jissodisfa l-kriterji stabbiliti fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart għal klassifikazzjoni ta' prodott bħala li mhuwiex skart. Dan iċ-ċertifikat jista' jitqies superfluwu minħabba li stabbiliment kummerċjali tal-ikel, eż. birrerija, li minnha l-ħmira tintbagħat bħala materjal tal-għalf għandha tiġi reġistrata bħala stabbiliment tan-negozju tal-għalf u għalhekk hija taħt il-kontroll sħiħ tal-awtoritajiet tal-għalf.

(b) Prodotti finali tal-ikel fuq livell ta' manifattura tal-ikel u fuq livell ta' bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut:

Operatur tan-negozju tal-ikel jista' jiddeċiedi li prodotti tal-ikel finali fil-livell tal-manifattura tal-ikel (eż. zokkor, żejt tal-ġirasol, gallettini maqsuma jew deformati) u ikel li jkun tqiegħed fis-suq u jkun laħaq il-livell ta' bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut (eż. ħobż fi fran jew f'supermarkits) ma għandhomx jibqgħu intiżi għall-konsum mill-bniedem iżda pjuttost għandhom ikunu destinati għall-użu bħala għalf. Dawn il-prodotti ma jissodisfawx il-kriterji ta' prodotti sekondarji fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, anke jekk ikunu maħsuba biex jintużaw bħala għalf. Konsegwentement, ħafna awtoritajiet tal-Istati Membri japplikaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart għal dan l-ikel b'mod strett u jqisu d-deċiżjoni tal-operatur ta' negozju tal-ikel li jneħħihom mill-katina alimentari bħala rimi tal-ikel. Eżempju tajjeb ta' din il-prattika huwa li trakkijiet li jġorru ikel

([1]) Kriterji għal prodotti sekondarji għal prodotti li ma għandhomx jitqiesu bħala skart (nota ta' spjegazzjoni fl-Anness ta' dan l-Avviż):
— Il-produzzjoni bħala parti integrali minn proċess ta' produzzjoni
— Il-possibbiltà ta' użu direct minghajr ipproċessar ulterjuri għajr il-prattika industrijali normali;
— L-użu ulterjuri bħala għalf għall-annimali huwa ċert: mhuwiex sempliċi possibbiltà iżda huwa garantit li l-materjal ser jintuża f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-għalf.
— L-użu ulterjuri huwa legali, jiġifieri s-sustanza jew l-oġġett jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti kollha għall-prodott, dawk ambjentali u għall-ħarsien tas-saħħa għall-użu speċifiku.

li ma jkunx joriġina mill-annimali u li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem iżda li jkun maħsub biex jidħol fil-katina tal-għalf, (eż. gallettini ppakkjati li jaqsmu l-fruntieri bejn l-Istati Membri) jistgħu jiġu mmultati minħabba nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart minħabba li l-Istat Membru riċeventi jqis il-kunsinna bħala skart.

Ir-rekwiżit għal konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart qabel ikel li jkun ġej mill-annimali jista' jsir għalf huwa piż sinifikanti għall-operaturi li jkunu qed jikkunsidraw li jgħadduhom fil-katina tal-għalf. Dak ir-rekwiżit jista' joħloq ostakli għall-moviment liberu ta' tali prodotti fis-suq intern minħabba li xi Stati Membri jeħtieġu l-applikazzjoni ta' regoli tat-trasport abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart, filwaqt li oħrajn japplikaw il-liġi dwar l-ikel. Attwalment id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart qed tiġi riveduta u l-proposta tal-Kummissjoni ([1]) tipprevedi l-esklużjoni ta' materjali li ma joriġinawx mill-annimali destinati bħala għalf mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

L-approċċi dwar id-data "użu sa" jew "uża qabel" kif imsemmi fit-Taqsima 5.1 u li jittrattaw "materjali li jkunu waqgħu mal-art fi stabbilimenti tal-ikel" kif imsemmi fit-Taqsima 5.2 japplikaw għal prodotti finali kif imsemmi f'din it-Taqsima.

Sommarju tat-taqsima

1. *Prodotti sekondarji li ma joriġinawx mill-annimali mill-industrija tal-ikel, kif imsemmi fil-punt (a) ta' din it-Taqsima, ma għandhomx awtomatikament jitqiesu bħala skart u jistgħu jaqgħu direttament taħt il-leġiżlazzjoni dwar l-għalf.*

2. *Huwa f'idejn l-operaturi tan-negozji tal-ikel li juri li prodott sekondarju li ma joriġinax mill-annimali kif imsemmi fil-punt (a) ta' din it-Taqsima, li jqiegħdu fis-suq bħala għalf mhuwiex skart. Madankollu, ir-rekwiżit ġenerali ta' ċertifikat ta' prodott bħala li mhuwiex skart għandu jkun dispensabbli meta wieħed iqis li l-operaturi tan-negozji tal-ikel li jqiegħdu dawn il-prodotti sekondarji fis-suq bħala għalf huma reġistrati wkoll bħala operaturi ta' negozji tal-għalf.*

3. *Soġġett għal esklużjoni futura ta' materjali li ma joriġinawx mill-annimali destinati bħala għalf mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, l-użu dirett ta' prodotti finali tal-ikel bħala għalf kif imsemmi fil-punt (b) ta' din it-Taqsima mingħajr ma jkunu l-ewwel soġġetti għal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart sejjer ikun permess.*

4. *Sakemm tiġi adottata u implimentata d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart riveduta, prodotti tal-ikel finali li ma jkunux għadhom maħsuba għall-konsum mill-bniedem, kif imsemmi fil-punt (b) ta' din it-Taqsima jistgħu jkunu soġġetti għal leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar l-iskart qabel ikunu jistgħu jintużaw bħala għalf.*

3.2. **Rekwiżiti għall-operaturi ta' negozji tal-ikel li jipprovdu ikel li ma joriġinax mill-annimali lill-katina tal-għalf**

Stabbilimenti fil-katina alimentari ([2]) li huma involuti fil-produzzjoni, fid-distribuzzjoni, fil-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut ta' ikel li ma joriġinax mill-annimali għandhom jiġu reġistrati jew approvati skont ir-Regolament dwar l-Iġjene tal-Oġġetti tal-Ikel (KE) Nru 852/2004 ([3]). Lista kompluta ta' stabbilimenti tal-ikel tal-Unjoni approvati fl-Istati Membri differenti tista' tinstab hawn:

http://ec.europa.eu/food/safety/biosafety/food_hygiene/eu_food_establishments_en

Il-listi ta' stabbilimenti tal-ikel li ma jeħtiġux approvazzjoni iżda sempliċiment reġistrazzjoni huma ġestiti kompletament mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

3.2.1. *Rekwiżiti għall-operaturi li jipprovdu prodotti bħala għalf jew bħala skart għall-irkupru*

Bħala prinċipju operatur jista' jipprovdi ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem bħala

— għalf (il-prodotti sekondarji msemmija fil-punt 3.1(a) u, wara l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart riveduta, anke l-prodotti msemmija fil-punt 3.1(b));

([1]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52015PC0595

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxi li s-settur tal-għalf huwa parti integrali mill-katina alimentari.

([3]) L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 jeħtieġ li kull stabbiliment ta' operatur ta' negozju tal-ikel jiġi rreġistrat mal-awtorità kompetenti. L-iskop tar-reġistrazzjoni huwa sabiex l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jkunu jafu fejn jinsabu l-istabbilimenti u liema huma l-attivitajiet tagħhom sabiex ikunu jistgħu jsiru l-kontrolli uffiċjali kull meta jitqies neċessarju.

— skart għall-irkupru (il-prodotti finali msemmija fil-punt 3.1(b).

(a) Prodotti pprovduti bħala għalf

Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' operaturi ta' negozji tal-għalf li huma soġġetti għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 9 tiegħu. Operatur ta' negozju tal-għalf għandu jiżgura li d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tal-leġiżlazzjoni dwar l-għalf, bħalma huma r-regoli dwar l-iġjene tal-għalf, il-limiti ta' residwi ta' kontaminanti jew it-tikkettar, huma mħarsa. Operaturi ta' negozji tal-għalf li mhumiex koperti mill-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 (produtturi primarji) għandhom japplikaw l-Anness II ta' dak ir-Regolament inkluż it-twaqqif ta' pjan tal-HACCP. Normalment [1], operatur li jqiegħed għalf fis-suq għandu jkun reġistrat bħala operatur ta' negozju tal-għalf.

Operaturi tal-ikel li jqiegħdu prodotti sekondarji li jirriżultaw mill-proċess tal-manifattura tal-ikel kif imsemmi fil-parti 3.1(a) fis-suq tal-Unjoni jikkwalifikaw bħala operatur ta' negozju tal-għalf u għandhom jiżguraw konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni dwar l-għalf, inkluż ir-reġistrazzjoni tagħhom bħala operatur ta' negozju tal-għalf.

(b) Prodotti pprovduti bħala skart għall-irkupru

Prodotti tal-ikel finali li ma joriġinawx mill-annimali li ma jkunux għadhom maħsuba għall-konsum mill-bniedem kif imsemmi fil-parti 3.1(b) jista' jkollhom, sakemm tiġi adottata u implimentata d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart riveduta, l-istatus ta' "skart għall-irkupru". Għalhekk, l-operatur tal-ikel ikollu jsegwi r-reġim nazzjonali għall-provvista ta' dawn il-prodotti fil-katina tal-għalf. Ladarba ikel li ma jkunx joriġina mill-annimali li jkun maħsub biex jintuża bħala għalf jiġi eżentat mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali dwar l-Iskart, l-ikel jista' jidħol direttament fil-katina tal-għalf. Eżempju tipiku huwa ħobż niexef u ppakkjat [2] mis-supermarkits: Jekk is-supermarkit iqiegħed dan il-ħobż bħala għalf (jiġifieri oġġett li qabel kien oġġett tal-ikel skont id-definizzjoni msemmija fit-Taqsima 1.2) mhux konformi (ara l-parti 6.2) bid-denominazzjoni "Prodotti mill-industrija tal-ħami fi fran u tal-għaġin" (entrata 13.1.1 fil-Katalgu tal-materjali tal-għalf) fis-suq, is-supermarkit jikkwalifika bħala operatur ta' negozju tal-għalf u għandu jiżgura konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni dwar l-għalf, inkluż ir-reġistrazzjoni tiegħu bħala operatur ta' negozju tal-għalf.

3.2.2. *Miżuri biex jiżdied l-użu ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem bħala għalf*

Ir-rekwiżit għal operatur ta' negozju tal-ikel diġà rreġistrat, li biħsiebu jipprovdi ikel lill-katina tal-għalf, biex jirreġistra wkoll bħala operatur ta' negozju tal-għalf, u b'hekk ikun responsabbli għar-rekwiżiti kollha tas-sikurezza tal-għalf, jista' jwaqqaf pereżempju lil bejjiegħa żgħar tal-ikel bl-imnut milli jagħmlu dan. Fid-dawl tal-objettiv biex jiżdied l-użu ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem bħala għalf, hemm żewġ possibiltajiet biex jitnaqqas il-piż għal dawn l-operaturi ta' negozji tal-ikel:

(a) Appoġġ għall-operaturi ta' negozji tal-ikel biex jikkonformaw mal-liġi dwar l-għalf:

Kif stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-Iġjene tal-Għalf, jistgħu jiġu żviluppati linji gwida għal bejjiegħa tal-ikel bl-imnut li jibagħtu l-ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem bħala għalf; dawk il-linji gwida jgħinuhom ilaħħqu mal-liġi dwar l-għalf (miżuri ta' sigurtà, tikkettar, limiti għal kontaminanti). Barra minn hekk, l-assistenza lill-bejjiegħa tal-ikel bl-imnut biex jiżviluppaw sistema simplifikata u mfassla apposta tal-HACCP bħala operaturi ta' negozji tal-għalf tista' tingħata minn assoċjazzjonijiet ta' partijiet interessati.

[1] Il-Kummissjoni nediet proġett ta' gwida li, fost l-oħrajn, jindirizza l-kwistjoni tal-bidu tal-katina tal-għalf. L-għan ta' dan id-dokument huwa li tiġi żviluppata sistema fil-fruntiera bejn l-ikel u l-għalf li tevita piż amministrattiv superfluwu filwaqt li fl-istess ħin tiġi garantita l-integrità tal-katina tal-għalf (Dokument ta' Gwida dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf).

[2] L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 jelenka "L-imballaġġ mill-użu ta' prodotti mill-industrija tal-ikel agrikolu, u partijiet minnu" bħala materjali li t-tqegħid tagħhom fis-suq jew l-użu għal skopijiet ta' nutriment tal-annimali huwa pprojbit.

(b) L-operatur ta' negozju tal-ikel iqiegħed il-prodotti rilevanti bħala "ikel" fis-suq:

Il-bejjiegħ tal-ikel bl-imnut, li jkun reġistrat jew approvat skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004, iqiegħed l-ikel bħala tali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-ikel, fis-suq lil operatur ta' negozju tal-għalf li jiġbor l-ikel biex jiġi trasformat f'għalf jew jittrasformah direttament f'għalf ([1]). Il-katina tal-għalf tibda bl-operatur li jirċievi l-ikel. Dan l-operatur tan-negozju tal-għalf huwa responsabbli għall-konformità mal-liġi dwar l-għalf. Fl-eżempju ta' hawn fuq, is-supermarkit jipprovdi l-ħobż xott lil manifattur tal-għalf. L-operatur tan-negozju tal-ikel ma jkollux għalfejn ikun reġistrat skont ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 minħabba li l-prodott li jforni essenzjalment xorta għadu ikel (jiġifieri japplikaw ir-regoli dwar l-ikel) u għadu mhux għalf. Barra minn hekk, ma jistax jingħata direttament lill-bdiewa biex jitimgħuh lill-annimali minħabba li mhuwiex eliġibbli bħala għalf orali mingħajr ipproċessar ulterjuri.

Sommarju tat-taqsima

5. *Sakemm tiġi adottata u implimentata d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart riveduta, ikel li ma joriġinax mill-annimal li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem jista' jidħol fil-katina tal-għalf bħala "skart għall-irkupru" skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali li tirregola dan l- iskart.*

6. *Linji gwida għall-operaturi ta' negozji tal-ikel li jfornu ikel li ma joriġinax mill-annimal li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem bħala għalf jistgħu jtaffu l-piż tagħhom biex ilaħħqu mar-regoli tal-liġi dwar l-għalf.*

7. *Bejjiegħa tal-ikel li jfornu l-prodott rilevanti bħala ikel lil operatur ta' negozju tal-għalf li jittrasformah f'għalf ma għandhomx għalfejn ikunu reġistrati bħala operatur ta' negozju tal-għalf.*

KAPITOLU 4

IKEL LI JKUN FIH PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI LI MA JKUNX GĦADU MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM

4.1. Ikel li jkun magħmul minn prodotti li joriġinaw mill-anninali, li jkun fih minnhom jew li jkun kontaminat bihom

Ikel li jkun magħmul minn prodotti li joriġinaw mill-anninali, li jkun fih minnhom jew li jkun kontaminat bihom, ma jistax jintuża direttament fil-manifattura ta' għalf. L-ewwel għandu dejjem ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali. Dan ir-Regolament jagħmel distinzjoni ċara bejn ikel li joriġina mill-annimali li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra (jiġifieri ikel skartat) mill-iskart tal-catering. Minħabba n-nuqqas ta' kontenut minimu definit ta' materjali li joriġinaw mill-annimali, l-ikel kollu li jkun magħmul minn prodotti tal-annimali, li jkun fih xi kwantità minnhom jew li jkun kontaminat bihom, ikun soġġett għal-leġiżlazzjoni dwar prodotti sekondarji mill-annimali.

Operatur ta' negozju tal-ikel li jiddeċiedi li jforni tali ikel li joriġina mill-annimali għall-użu bħala għalf huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (l-Artikolu 2(2)(b)) u huwa soġġett għall-kontrolli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni dwar prodotti sekondarji mill-annimali.

Prodotti sekondarji mill-annimali kontaminati bi skart ([2]) li huwa soġġett għall-kontrolli skont id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, għandhom jiġu ddikjarati bħala materjal tal-Kategorija 2 jew 1 skont ir-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali u ma jistgħux jidħlu fil-katina tal-għalf fi stadju aktar tard.

Skont l-Artikolu 10(e) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali, prodotti sekondarji mill-annimali li jirriżultaw mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inkluż għadam imnaddaf mix-xaħam, qrieqeċ u ħama taċ-ċentrifugi jew tas-separaturi mill-ipproċessar tal-ħalib għandhom jiġu kategorizzati bħala materjal tal-Kategorija 3 (użu bħala għalf), kif imsemmi f'dak ir-Regolament.

([1]) Dan l-ikel huwa differenti minn oġġetti li qabel kienu oġġetti tal-ikel kif definit fit-Taqsima 1.2 minħabba li l-operatur responsabbli għat-tqegħid fis-suq mhuwiex qiegħed jiggarantixxi li "ma jippreżenta ebda riskju għas-saħħa meta jintuża bħala għalf".

([2]) Fir-rigward tal-preżenza jew residwi ta' materjali tal-imballaġġ, tapplika t-Taqsima 6.2.

Skont l-Artikolu 10(f) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali, oġġetti tal-ikel li jkun fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali, li ma jkunux għadhom maħsuba għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti ta' imballaġġ jew difetti oħra li ma jippreżentawx riskju għas-saħħa pubblika jew tal-annimali, għandhom jiġu kategorizzati bħala materjal tal-Kategorija 3. Materjali tal-Kategorija 3 imsemmija fl-Artikolu 10(f) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali normalment jitwasslu f'impjant tal-ipproċessar ta' prodotti sekondarji tal-annimali flimkien jew imħallta ma' tgeżwir u imballaġġ, li t-tnejn jikkostitwixxu materjal ta' skart. It-tgeżwir u l-imballaġġ jiġu segregati minn prodotti sekondarji tal-annimali biss fl-impjant tal-ipproċessar ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3. It-taħlita ta' skart u ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma teħtieġx klassifikazzjoni a priori bħala materjal tal-Kategorija 2 jew saħansitra tal-Kategorija 1.

Ikel li joriġina mill-annimali li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem destinat għall-użu bħala għalf huwa soġġett għal rekwiżiti speċifiċi ta' pproċessar u restrizzjonijiet għall-użu kif stabbilit fit-Taqsima 4.3 ta' dan l-Avviż.

4.2. **Reġistrazzjoni ta' operaturi ta' negozji tal-ikel li jfornu ikel li joriġina mill-annimali li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem**

L-operaturi kollha li huma attivi fi kwalunkwe stadju tal-ġenerazzjoni, tat-trasport, tal-immaniġġjar, tal-ipproċessar, tal-ħżin, tat-tqegħid fis-suq, tad-distribuzzjoni, tal-użu jew tar-rimi ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' prodotti derivati għandhom ikunu reġistrati skont l-Artikolu 23 tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali sakemm ma jkunux diġà ġew approvati skont l-Artikolu 24 tiegħu. Il-lista ta' operaturi, impjanti jew stabbilimenti reġistrati jew approvati skont ir-Regolamenti dwar prodotti sekondarji tal-annimali hija ppubblikata fil-link li ġejja:

http://ec.europa.eu/food/safety/animal-by-products/approved-establishments_en

Skont l-Artikolu 23(4) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali, stabbilimenti li jiġġeneraw prodotti sekondarji mill-annimali u li jkunu diġà ġew approvati jew reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) ma jeħtiġux reġistrazzjoni. Madankollu, dik id-deroga ma teżentax lill-operaturi mill-obbligu li jiġu approvati skont ir-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali jekk iwettqu attivitajiet deskritti fl-Artikolu 24 ta' dak ir-Regolament.

Prodotti sekondarji pproċessati li jkunu ġejjin mill-annimali għall-użu bħala għalf jistgħu jingħataw biss lil operaturi ta' negozji tal-għalf li jkunu reġistrati jew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 183/2005.

4.3. **Rekwiżiti ta' pproċessar u restrizzjonijiet għall-użu ta' ikel li joriġina mill-annimali li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem**

Ir-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali u r-Regolament dwar l-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli jistabbilixxu regoli stretti li jillimitaw l-użi possibbli bħala għalf ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem, li jkun magħmul minn materjal tal-annimali, li jkun fih minnu jew li jkun kontaminat bih, skont it-tipi ta' materjal tal-annimali li jkun hemm fih. Pereżempju, oġġetti tal-ikel li jkun fihom proteini minn annimali ruminanti minbarra ħalib/prodotti tal-ħalib jew grass tal-annimali mmaċinat għandhom ikunu esklużi bħala għalf għal annimali mrobbija fi rziezet, minbarra annimali mrobbija għall-fer. Bħala eżempju ieħor, oġġetti tal-ikel li jkun fihom il-ħut ma jistgħux jintużaw direttament bħala għalf imma jistgħu jkomplu jiġu ttrattati biex isiru ħut miħun, u l-ħut miħun ma jistax jingħata lil annimali ruminanti minbarra lil annimali ruminanti mhux miftuma. Għalhekk, il-proċessuri tal-ikel għandhom jisseparaw il-flussi ta' ikel li jkun fihom materjali tal-annimali f'ikel li ma għadux maħsub għall-konsum mill-bniedem eliġibbli/mhux eliġibbli għall-katina tal-għalf, jew eliġibbli għal xi speċijiet biss, u għandhom jimplimentaw trattament u tikkettar xieraq biex jiġi żgurat użu finali li huwa sigur għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u b'mod konformi mar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali u dak dwar l-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli.

Sabiex titħares is-saħħa tal-annimali, ir-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali u dak dwar l-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli jinkludu rekwiżiti ta' pproċessar u restrizzjonijiet għall-użu bħala għalf ta' ikel li joriġina mill-annimali li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għadd ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali jistgħu jkunu siguri għall-konsum mill-bniedem, iżda ma jkunux siguri għas-saħħa tal-annimali, pereżempju minħabba li jista' jkun fihom patoġeni li jikkawżaw il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, id-deni klassiku tal-ħnieżer jew id-deni Afrikan tal-ħnieżer. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar l-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli tinkludi "projbizzjoni totali fuq it-tmigħ", li tipprojbixxi t-tmigħ ta' proteini pproċessati mill-annimali lil annimali mrobbija fi rziezet, bi ftit derogi limitati, sabiex jiġi evitat ir-riċiklaġġ tal-BSE fil-katina tal-għalf. Għalhekk, għadd ta' prodotti mill-annimali li huma eliġibbli għall-konsum mill-bniedem mhumiex eliġibbli mingħajr ipproċessar ulterjuri sabiex jintużaw bħala għalf, jew għandhom ikunu parzjalment esklużi mill-katina tal-għalf.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

Ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem li jkun fih proteini li joriġinaw mir-ruminanti, għajr prodotti tal-ħalib, ma jista' jingħata lil ebda annimal tal-irziezet, ħlief lil annimali mrobbija għall-fer. Għal dik ir-raġuni, l-uniċi użi permessi ta' ikel mormi li jkun fih proteini ta' annimali ruminanti minbarra prodotti tal-ħalib bħala għalf huma għalf għal annimali mrobbija għall-fer u bħala ikel għall-annimali domestiċi. Madankollu, ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem li jiġi pproċessat fi grass tal-annimali ruminanti mmaċinat, skont il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali, b'piż ta' impuritajiet li ma jinħallux ta' inqas minn 0,15 %, jista' jiġi mitmugħ lil annimali li jitrabbew fi rziezet.

Ir-rekwiżiti għall-ipproċessar u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel mormi li jkun ġej mill-annimali huma stabbiliti fl-Anness X tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([1]).

Materjali tal-Kategorija 3 imsemmija fl-Artikolu 10(a) sa (m) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' għalf għall-annimali mrobbija fi rziezet wara li jiġu pproċessati fi proteini pproċessati tal-annimali jew fi grass tal-annimali mmaċinat skont l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

Il-laħam nej jista' jintuża għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi, biex jitqiegħed fis-suq skont l-Artikolu 35 tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

Oġġetti li qabel kienu oġġetti tal-ikel jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' għalf għal annimali mrobbija għall-fer, biex jitqiegħdu fis-suq skont l-Artikolu 36 tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali.

Ċerti materjali tal-Kategorija 3 elenkati fit-Taqsima 10 tal-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistgħu jitqiegħdu fis-suq għat-tmigħ lil annimali mrobbija fi rziezet, mingħajr trattament ulterjuri, sakemm il-materjal:

— ikun joriġina fl-Unjoni,

— ikun għadda minn ipproċessar kif definit fl-Artikolu 2(1)(m) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 jew skont ir-Regolament (UE) Nru 142/2011,

— ma jkunx ġie f'kuntatt ma' xi materjali oħra tal-Kategorija 3; u

— ikunu ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha għall-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni ta' dak il-materjal.

Skont il-Parti II tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tal-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-ipproċessar, l-użu u l-ħżin ta' ħalib, ta' prodotti b'bażi ta' ħalib u ta' prodotti derivati mill-ħalib eskluż ħama taċ-ċentrifugi jew tas-separaturi, li huma materjal tal-Kategorija 3, kif imsemmi fl-Artikolu 10(e) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali u prodotti li ġejjin mill-ħalib imsemmija fl-Artikolu 10(f) u (h) ta' dak ir-Regolament. Pereżempju, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti d-distribuzzjoni diretta ta' prodotti b'bażi ta' ħalib lil ċerti bdiewa li jrabbu l-bhejjem.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza għat-territorju tagħha stess il-ġbir u l-użu ta' materjal tal-Kategorija 2 u tal-Kategorija 3 għat-tmigħ lil annimali taż-żoo, lil annimali taċ-ċirku, lil rettili u lil għasafar tal-priża minbarra annimali taż-żoo jew taċ-ċirku, lil annimali mrobbija għall-fer, lil annimali selvaġġi, lil klieb minn kennels rikonoxxuti jew lil ċorom klieb, lil klieb u qtates f'xelters jew dud u ħniex għal-lixka għas-sajd.

It-Tabella ([2]) li ġejja tiġbor fil-qosor l-użi awtorizzati tal-għalf u t-trattament meħtieġ ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem u li jkun fih materjali li joriġinaw mill-annimali, skont ir-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali u dak dwar l-enċefalopatiji spongiformi trażmissibbli (kif fis-seħħ fl-1.10.2017)

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

([2]) It-tabella għandha tinqara mix-xellug għal-lemin kif ġej: il-prodotti fl-ewwel kolonna jistgħu jintużaw, mingħajr trattament ulterjuri, għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi u ta' għalf għall-annimali li jitrabbew għall-fer (Iva/Le fit-tieni kolonna), u għandhom jiġu pproċessati ulterjorment skont il-leġiżlazzjoni dwar l-ABP biex jintużaw fl-għalf għall-annimali tal-irziezet minbarra annimali mrobbija għall-fer (Iva/Le fit-tielet kolonna) jew f'ikel għall-annimali domestiċi (fejn it-tieni kolonna tindika "Le") u r-raba' kolonna tindika jekk hemmx restrizzjonijiet għat-tmigħ tagħhom lil annimali tal-irziezet minbarra annimali li jinżammu għall-produzzjoni tal-fer. Fir-rigward tat-tqassim tal-kaxxi: aktar ma l-isfond ikun skur, aktar ikun limitat l-użu.

Ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem u li jkun magħmul minn dawn li ġejjin, ikun fih minnhom jew ikun kontaminat bihom ([1]):	Jista' jintuża mingħajr trattament ulterjuri għall-ikel għall-annimali domestiċi jew bħala għalf għal annimali li jinżammu għall-produzzjoni tal-fer:	Għandu jkompli jiġi pproċessat skont il-leġiżlazzjoni dwar l-ABP sabiex jintuża bħala għalf għal annimali mrobbija fi rziezet minbarra annimali li jinżammu għall-produzzjoni tal-fer:	Jista' jintuża bħala għalf għall-annimali li ġejjin
— ħalib, prodotti b'bażi ta' ħalib u prodotti li ġejjin mill-ħalib, — bajd, prodotti magħmula mill-bajd, — għasel, — grass tal-annimali mmaċinat, — ġelatina/kollaġen minn annimali mhux ruminanti sakemm il-materjal li joriġina mill-annimali — ikun joriġina fl-Unjoni; — ikun ġie sottopost għall-ipproċessar skont il-leġiżlazzjoni dwar l-iġjene tal-ikel.	IVA	LE	l-annimali kollha
— ħalib, prodotti b'bażi ta' ħalib u prodotti li ġejjin mill-ħalib, — bajd, prodotti magħmula mill-bajd, — għasel, — grass tal-annimali mmaċinat, — ġelatina/kollaġen minn annimali mhux ruminanti jekk il-materjal li joriġina mill-annimali MA JKUNX ġie sottopost għall-ipproċessar (eż. bajd għall-ikel, ħalib mhux pasturizzat, għasel, tiramisù li jkun fiha bajd nej, eċċ.) jew jekk joriġina minn pajjiżi terzi.	LE	IVA	l-annimali kollha
Ħut jew prodotti tas-sajd	LE	IVA	annimali mhux ruminanti inklużi annimali tal-akkwakultura, annimali domestiċi u annimali bil-pil
Laħam minn annimali mhux ruminanti	IVA	IVA	annimali tal-akkwakultura, annimali domestiċi u annimali bil-pil
Prodotti tal-laħam jew prodotti magħmula mid-demm ta' annimali mhux ruminanti	IVA taħt ċerti kundizzjonijiet	IVA	annimali tal-akkwakultura, annimali domestiċi u annimali bil-pil

([1]) Jekk l-ikel mormi jkun fih jew ikun kontaminat b'diversi kategoriji ta' prodotti mill-annimali indikati fit-tabella, tapplika r-regola aktar stretta.

Ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem u li jkun magħmul minn dawn li ġejjin, ikun fih minnhom jew ikun kontaminat bihom ([1]):	Jista' jintuża mingħajr trattament ulterjuri għall-ikel għall-annimali domestiċi jew bħala għalf għal annimali li jinżammu għall-produzzjoni tal-fer:	Għandu jkompli jiġi pproċessat skont il-leġiżlazzjoni dwar l-ABP sabiex jintuża bħala għalf għal annimali mrobbija fi rziezet minbarra annimali li jinżammu għall-produzzjoni tal-fer:	Jista' jintuża bħala għalf għall-annimali li ġejjin
Ġelatina, kollaġen jew laħam ta' ruminanti	IVA	Mhux applikabbli	annimali domestiċi u annimali bil-pil
Prodotti tal-laħam minn annimali ruminanti	LE	Mhux applikabbli	annimali domestiċi u annimali bil-pil

4.4. **Trasport**

Skont id-dispożizzjonijiet konġunti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, it-trasport tal-ikel għandu jkun separat mit-trasport ta' prodotti sekondarji mill-annimali u jsir f'kontenituri/trakkijiet dedikati differenti. Il-prodott sekondarju mill-annimali għandu jiġi ttrasportat f'mezzi ta' trasport approvati jew reġistrati skont ir-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali u jkun akkumpanjat minn dokument kummerċjali.

Sommarju tal-kapitolu

8. *Ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem u ikel li jkun magħmul minn prodotti li joriġinaw mill-anninali, li jkun fih minnhom jew li jkun kontaminat bihom ma jistax jintuża direttament fil-manifattura ta' għalf iżda dejjem l-ewwel jiġi soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali.*

9. *Bħala prinċipju, l-operaturi kollha li huma attivi fi kwalunkwe stadju tal-ġenerazzjoni, tat-trasport, tal-immaniġġjar, tal-ipproċessar, tal-ħżin, tat-tqegħid fis-suq, tad-distribuzzjoni, tal-użu jew tar-rimi ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' prodotti derivati għandhom ikunu reġistrati skont ir-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali.*

10. *Ikel li jkun magħmul minn prodotti li joriġinaw mill-anninali, li jkun fih minnhom jew li jkun kontaminat bihom li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem iżda jkun maħsub għall-użu bħala għalf huwa soġġett għal rekwiżiti speċifiċi ta' proċessar u restrizzjoni dwar l-użu.*

KAPITOLU 5

KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IKEL WARA L-ISKADENZA TAD-DATA "UŻU SA" U "UŻA QABEL" U MATERJALI LI JKUNU WAQGĦU MAL-ART FI STABBILIMENTI TAL-IKEL

5.1. **Ikel wara l-iskadenza tad-data "użu sa" u "uża qabel"**

L-immarkar tad-data fuq l-ikel huwa stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Skont l-Artikolu 24(1) tiegħu, ikel li jmur malajr għandu data 'użu sa'. Hija r-responsabbiltà

([1]) Jekk l-ikel mormi jkun fih jew ikun kontaminat b'diversi kategoriji ta' prodotti mill-annimali indikati fit-tabella, tapplika r-regola aktar stretta.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

tal-operaturi tan-negozji tal-ikel li jiddeterminaw id-data 'użu sa' jew 'uża qabel', jiġifieri t-tul ta' żmien ta' konservazzjoni, filwaqt li jqisu konsiderazzjonijiet ta' sigurtà, ta' kwalità u ta' kummerċjalizzazzjoni. Ċertu ikel huwa eżentat mill-obbligu ta' tikkettar b"uża qabel' bħal frott frisk u ikel li ma jmurx bħall-melħ, iz-zokkor, il-ħall. L-unika kategorija ta' ikel li għaliha l-leġiżlazzjoni tal-UE tippreskrivi l-immarkar tad-data hija l-bajd għall-ikel ([1]).

Problema biex jiżdied l-użu ta' ikel wara l-iskadenza tad-data 'uża qabel' bħala għalf hija li f'ċerti Stati Membri, l-awtoritajiet kompetenti jikkategorizzaw awtomatikament dan l-ikel bħala:

— materjal tal-Kategorija 2 skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali, jekk ikun fih prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jeskludi l-użu tiegħu bħala għalf; jew,

— skart, jekk ma jkunx fih prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jeskludihom bħala għalf jew talanqas ikollu jiġi ttrattat f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart qabel ma jista' jiġi ttrasformat f'għalf.

Id-data ta' 'uża qabel' hija pjuttost standard ta' kwalità milli ta' sigurtà. Fuq bażi ta' konsiderazzjoni ta' każ b'każ, l-operatur ta' negozju tal-għalf responsabbli għandu, abbażi tal-prinċipji tal-HACCP, jiċċekkja jekk ikunx hemm riskju għas-saħħa pubblika jew tal-annimali. Jekk le l-ikel rispettiv jista' jintuża bħala għalf.

Il-kunċett tad-data 'uża sa' huwa indirizzat fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011:

— "Fil-każ ta' ikel li, minn punt di vista mikrobijoloġiku, imur malajr ħafna u għalhekk wara perijodu taż-żmien qasir x'aktarx jista' jkun ta' periklu imminenti għal saħħet il-bniedem, id-data ta' kemm iservi l-inqas għandha tinbidel bid-data 'uża sa'. Wara d-data sa meta għandu jintuża, l-ikel għandu jitqies li ma jkunx sikur fit-tifsira tal-Artikolu 14(2) sa (5) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002."

— L-għan ta' dik id-dispożizzjoni huwa li jiġi ċċarat li ikel partikolari wara l-iskadenza tad-data "użu sa" ma għandux jitqiegħed fis-suq tal-ikel tal-Unjoni minħabba li ma jkunx sigur għall-konsum mill-bniedem. Minħabba li l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 jirreferi għall-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, li jistabbilixxi rekwiżiti ġenerali ta' sigurtà tal-ikel, u mhux għall-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament (rekwiżiti dwar is-sigurtà tal-għalf), ikel li ma jkunx għadu tajjeb għall-konsum mill-bniedem xorta jista' jkun destinat għall-produzzjoni ta' għalf għal annimali mrobbija fi rziezet.

— Bħala prerekwiżit, ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem li jkun fih prodotti mill-annimali għandu jkun konformi mar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali. L-Artikolu 14(d) ta' dak ir-Regolament jeskludi speċifikament mill-użu għal skopijiet ta' għalf materjal tal-Kategorija 3 li jkun inbidel permezz ta' dekompożizzjoni jew taħsir b'mod li, permezz ta' dak il-prodott, jippreżenta riskju inaċċettabbli għas-saħħa pubblika jew tal-annimali. L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq jew it-tmigħ ta' annimali għall-konsum b'għalf li mhuwiex sigur. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 jestendi din ir-regola għall-annimali kollha.

— Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, l-operatur tan-negozju tal-għalf għandu r-responsabbiltà primarja sabiex f'kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tat-tqassim fin-negozji taħt il-kontroll tiegħu jiżgura li l-għalf jissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel li huma rilevanti għall-attivitajiet tiegħu u li jivverifika li dawk ir-rekwiżiti jitħarsu. Jekk l-operaturi ma jkunux jistgħu jiggarantixxu konformità mal-Artikolu 10(f) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali ("… ebda riskju għas-saħħa pubblika jew tal-annimali") jew jiżguraw il-ġbir u l-ipproċessar ta' materjal tal-Kategorija 3 f'għalf mingħajr kontaminazzjoni b'materjal tal-Kategorija 2 kif imsemmi fl-Artikolu 9(g) tar-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali, il-konsenja sħiħa għandha tiġi kategorizzata bħala materjal tal-Kategorija 2 (l-ebda użu bħala għalf).

([1]) Id-data 'uża qabel' tapplika għall-bajd li jitqiegħed fis-suq bħala tal-klassi 'A/Frisk' (bajd għall-ikel) u hija stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 589/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi tat-tqegħid fuq is-suq applikabbli għall-bajd (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 6) (l-Artikolu 12). Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar l-iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (il-punt 3 tal-Kapitolu 1 tat-Taqsima X, l-Anness III) jistabbilixxi wkoll li l-bajd għandu jasal għand il-konsumatur mhux aktar tard minn 21 jum minn meta jkun tbied.

5.2. **Materjali li jkunu waqgħu mal-art fi stabbilimenti tal-ikel**

Xi proċessuri tal-ikel irrapportaw li wara li ikel ikun waqa' fl-art fi stabbilimenti tal-ikel dan awtomatikament jitqies bħala skart (skartat). Dan jista' jagħmel sens fir-rigward ta' konsum mill-bniedem imma mhux għan-nutrizzjoni tal-annimali. Il-kuntatt mal-art bħala tali ma għandux jeskludi l-użu bħala għalf tal-materjal li jkun waqa' mal-art sakemm il-produttur ikollu fis-seħħ il-miżuri li ġejjin:

— protokoll biex l-art tinżamm nadifa,

— miżuri biex tiġi evitata kontaminazzjoni mikrobijoloġika, kimika jew fiżika, u

— tagħmir adegwat għall-ġbir tal-ikel mill-art.

Dawk il-miżuri għandhom jiġu identifikati, vvalutati u jkunu adegwati u għandhom, bħala parti mis-sistema obbligatorju tal-HACCP tal-operatur kummerċjali, jindirizzaw b'mod partikolari l-użu bħala għalf ta' dawn il-materjali fi stadju aktar tard tal-katina. Madankollu, ikel li joriġina mill-annimali li jkun ġie ddikjarat mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem minħabba l-preżenza ta' korpi barranin f'dawk il-prodotti għandu jiġi kategorizzat bħala materjal tal-Kategorija 2 li ma jistax jingħata lil annimali mrobbija fi rziezet, minbarra lil annimali mrobbija għall-fer. Naturalment l-operaturi ta' negozji tal-għalf li jqiegħdu l-għalf fis-suq xorta għadhom jiżguraw li l-għalf ikun tajjeb, ġenwin, xkett, tajjeb għall-iskop tiegħu u ta' kwalità kummerċjabbli.

Sommarju tal-kapitolu

11. *Ikel wara d-data 'uża qabel' jista' jintuża bħala għalf sakemm jissodisfa r-rekwiżiti tas-sigurtà skont il-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u, fil-każ ta' ikel li jkun fih prodotti li joriġinaw mill-annimali, jikkonforma mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament.*

12. *Ikel li jaqbeż id-data 'uża sa' ma għandux awtomatikament jiġi eskluż mill-użu bħala għalf. Jekk l-operatur tan-negozju tal-għalf ikun jista' jiggarantixxi li l-ikel li li jaqbeż id-data 'uża sa' ma jippreżentax riskju għas-saħħa pubblika u tal-annimali, għandu jitħalla jidħol fil-katina tal-għalf.*

13. *Soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, materjali li jkunu waqgħu mal-art fi stabbilimenti tal-ikel ma għandhomx jiġu awtomatikament skartati u jistgħu jintużaw bħala għalf, sakemm ma jkunx hemm riskju għas-saħħa pubblika u tal-annimali.*

KAPITOLU 6

TQEGĦID TA' GĦALF FIS-SUQ

Skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2009, ir-regoli li ġejjin japplikaw għall-ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem li jkun maħsub bħala għalf, flimkien mar-rekwiżiti għal materjal tal-Kategorija 3 stabbiliti fil-leġiżlazzjoni dwar prodotti sekondarji mill-annimali:

6.1. **Tikkettar u imballaġġ**

Id-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 dwar il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ japplikaw għat-tqegħid fis-suq ta' oġġetti li qabel kienu oġġetti tal-ikel, minħabba l-istatus tagħhom bħala materjal tal-għalf. Għal kunsinni ta' materjali tal-għalf bl-ingrossa, id-dettalji tat-tikkettar jistgħu jingħataw fuq dokumenti ta' akkumpanjament. L-informazzjoni li għandha tingħata f'dawk id-dokumenti ta' akkumpanjament tinkludi d-dettalji rispettivi tat-tikkettar tal-għalf u mhux tad-data li tista' tkun għadha preżenti fuq it-tikketti tal-ikel.

Filwaqt li l-Artikolu 8(8) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 jipprovdi għal eżenzjoni ta' kunsinni bejn operaturi ta' negozji tal-ikel mir-rekwiżiti ġenerali ta' tikkettar, ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 ma jistabbilixxi ebda deroga għal kunsinni minn operatur ta' negozju tal-għalf lil operatur ta' negozju ieħor tal-għalf li mhuwiex l-utent aħħari (indokratur tal-annimali).

6.2. **Restrizzjonijiet fuq l-użu**

Oġġetti li qabel kienu oġġetti tal-ikel b'materjal tal-imballaġġ (l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 767/2009) u b'kontaminazzjoni kimika eċċessiva (id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]) jew b'kontaminazzjoni mikrobijoloġika [2] huma pprojbiti mill-użu dirett bħala għalf. Dawn il-materjali tal-għalf huma meqjusa għalf mhux konformi. Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009, it-tikkettar ta' dawn il-prodotti għandu jindika b'mod ċar li ma jistgħux jintużaw bħala għalf mingħajr ma jiġu proċessati jew dekontaminati. Skont l-Anness VIII ta' dak ir-Regolament it-tikkettar għandu jindika wkoll l-ipproċessar rispettiv, bħat-tneħħija tal-materjal tal-imballaġġ jew id-dekontaminazzjoni, meħtieġa biex ikunu eliġibbli bħala għalf.

Sommarju tal-kapitolu

14. *Ir-rekwiżiti ġenerali dwar it-tikkettar japplikaw għal oġġetti li qabel kienu oġġetti tal-ikel L-informazzjoni li tista' tkun għadha preżenti fuq it-tikketti tal-ikel ma tiżgurax konformità ma' dawk ir-rekwiżiti u hija irrilevanti għal dak l-iskop.*

15. *It-tikkettar ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem li ma jikkonformax mal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-għalf (jiġifieri għalf mhux konformi) għandu jindika b'mod ċar li jista' jintuża biss bħala għalf wara pproċessar adegwat.*

[1] Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali (ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10).

[2] Prodotti sekondarji tal-annimali kategorizzati bħala materjali tal-Kategorija 1 jew tal-Kategorija 2 ma jistgħux ibiddlu l-Kategorija tagħhom wara proċess ta' dekontaminazzjoni jew ta' detossifikazzjoni.

ANNESS

Nota ta' spjegazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-kriterji dwar prodotti sekondarji fl-Artikolu 5 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart għal prodotti mill-industrija tal-ikel li ma jkunx fihom, li ma jkunux magħmula minn jew li ma jkunux kontaminati bi prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba bħala għalf (abbażi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2007)59 final:

1. *L-użu ulterjuri tas-sustanza jew tal-oġġett ikun ċert;*

   L-intenzjoni li dawn is-sustanzi jintużaw għall-produzzjoni ta' għalf tagħmilhom, soġġett għall-kundizzjoni li jissodisfaw ċerti karatteristiċi li jippermettu l-użu tagħhom bħala għalf, materjal tal-għalf u b'hekk jiġu integrati fis-sistema ta' traċċabilità tal-katina alimentari.

2. *Is-sustanza jew l-oġġett jista' jintuża direttament mingħajr ebda proċessar ulterjuri ħlief għall-prattika industrijali normali;*

   Prattika industrijali normali tinkludi l-passi kollha li produttur jieħu għal prodott, bħal:

   — il-filtrazzjoni, il-ħasil jew it-tnixxif ta' materjali;

   — iż-żieda ta' materjali meħtieġa għal użu ulterjuri; jew

   — it-twettiq ta' kontroll tal-kwalità.

   Madankollu, bħala prinċipju, it-trattamenti ġeneralment meqjusa bħala operazzjoni ta' rkupru ma jistgħux jitqiesu bħala prattika industrijali normali f'dan is-sens. Xi whud minn dawn il-kompiti ta' pproċessar jistgħu jsiru fis-sit ta' produzzjoni tal-manifattur, xi whud fis-sit tal-utent li jmiss, u xi whud minn intermedjarji, sakemm jissodisfaw ukoll il-kriterju li jkunu ġew 'prodotti bħala parti integrali minn proċess ta' produzzjoni'. Il-proċessuri ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem għandhom japplikaw il-proċessi elenkati fil-Katalgu tal-Materjali tal-Għalf, li huma prattiki industrijali rikonoxxuti u aċċettati b'mod wiesa'.

3. *Is-sustanza jew l-oġġett ikun ġie prodott bħala parti integrali minn proċess ta' produzzjoni;*

   Bi speċjalizzazzjoni akbar ta' proċessi industrijali, l-attivitajiet li jsiru 'l bogħod mis-sit tal-produzzjoni tal-manifattur (bħat-tnixxif, ir-raffinar, il-ħasil) ma jwaqqfux lil materjal milli jitqies bħala prodott sekondarju. L-użu ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem għall-manifattura ta' għalf kompost ma jeħtieġx proċess ta' rkupru addizzjonali. Il-proċessuri ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem (operaturi ta' negozji tal-għalf) jiġbru l-materjal, li jiġi ttrattat bħala materja prima għall-finijiet ta' għalf, u jiżguraw proċess dedikat ta' manifattura.

4. *L-użu ulterjuri jkun skont il-liġi, jiġifieri s-sustanza jew l-oġġett jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti kollha għall-prodott, dawk ambjentali u għall-ħarsien tas-saħħa għall-użu speċifiku u mhuwiex ser iwassal għal impatti ġenerali negattivi għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem.*

   L-użu ulterjuri ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-konsum mill-bniedem fl-għalf tal-annimali huwa soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-għalf, b'mod partikolari r-Regolament dwar l-Iġjene tal-Għalf, li jinkludi l-obbligu li jiġi implimentat pjan sħiħ tal-HACCP għall-operaturi ta' negozji tal-għalf, kif ukoll għar-Regolament dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Għalf u għal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.